MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 761/2001/1

**Mifsud Automobiles Limited**

**vs**

**Mark Anthony Zammit**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u hames liri u hamsin centezmu (Lm2005.50) import ta' wiehed u ghoxrin (21) kambjala ta' hamsa u disghin lira u hamsin centezmu (Lm95.50) il-wahda li skadew fl-ewwel gurnata ta' kull xahar bejn l-1 ta' Settembru 1999 u l-1 ta' Mejju 2001 inklussivament (Dok A1 sa A21).

Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat il-kambjalijiet annessi “in fotocopia” minn fol 2 sa fol 22 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-20 ta' Jannar 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm2005.50,0 bl-imghax legali mid-data ta’ skadenza ta’ kull kambjala esebita “in atti” kif hawn fuq jinghad sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

--------------------------------TMIEM--------------------------------